MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 33/2012

**Miriam armla ta' l-Professur Rene' A. Cremona kemm f'isimha proprju kif ukoll f'isem ohtha Marlene mart il-Professur David Farley-Hills u Joseph Muscat Manduca, Baruni Dr Michael Kitson Montalto, Susan nee' Kitson Montalto mart Martin Lee, Philip Kitson Montalto, Baruni Igino Trapani Galea Feriol, Perit Alfred Briffa ghan-nom u in rapprezentanza ta' B.D. Limited u Oliver Cachia u martu Yvonne Cachia a nom tas-socjeta' YVETO Company Limited u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2013 il-gudizzju gie trasfuz minn fuq Joseph Muscat ghal fuq Mary sive Miriam Cremona u Marlene Farley-Hills stante l-mewt tieghu fil-mori.**

**-vs-**

**Peter Paul Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

(1) Illi l-atturi huma sidien tal-porzjon art maghrufa ‘Ta’ San Blas’ sive ‘Ta’ Gnien Sibti’ fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta’ cirka tnejn u ghoxrin elf erba’ mija u erbghin metru kwadru (22,440m.k.) u konfinanti mill-punent mal-wied maghruf bhala ‘Il-Wied ta’ San Blas’, Lvant ma’ Triq San Blas, nofsinhar ma’ Martinu Muscat u tramunatana ma’ Fortunato Bonello u ohrajn;

(2) Illi l-konvenut qieghed jahdem u jokkupa parti minn din l-istess ghalqa minghajr ebda titlu validu fil-ligi;

(3) Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi nkluz bl-ittra ufficjali fid-9 ta’ Settembru 2011 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok A) huwa baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti:

(a) Tikkundannah sabiex jizgombra, jirrilaxxa u jhalli liberu a favur ta’ l-atturi l-art maghrufa ‘Ta’ San Blas’ sive ‘Ta’ Gnien Sibti’ fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex;

(b) Ghal fini ta’ tali zgumbrament tiffissa t-terminu ta’ xahar millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari l-attrici Miriam Cremona trid tipprova l-mandat li hija ghandha tal-atturi l-ohra kollha kemm biex saret il-kawza kif ukoll biex tirrapprezentahom fil-kawza;

2. Illi in linea preliminari wkoll l-atturi ghandhom jippruvaw b’dokumenti li huma u hadd hliefhom, il-proprjetarji ta’ l-ghalqa in kwistjoni;

3. Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li l-eccipjenti qed jokkupa circa sitt itmiem pari ghal 6753m.k. minn dan ir-raba’ b’titolu validu skont il-ligi, filwaqt li l-bqija tat-territorju huwa detenut minn terzi; isegwi ghalhekk li din il-qorti hija nkompetenti rationae materiae li tiehu konjizzjoni ta’ dina l-kawza;

4. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-atturi qeghdin jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut mir-raba' maghruf 'Ta' San Blas' sive 'Ta' Gnien Sibti' li jinsab fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, prevja d-dikjarazzjoni li huwa qed jokkupa r-raba' deskritt minghajr titolu validu fil-ligi.

Illi l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ddikjara li fid-dawl tal-ewwel zewg eccezzjonijiet, wara li l-atturi rregolaw ruhhom dwarhom u l-atti gew ukoll regolarizzati, il-konvenut irtira formalment dawn l-eccezzjonijiet u pprezenta kontestwalment nota separata li permezz taghha irtira l-istess eccezzjonijiet. Jibqa' ghalhekk l-ahhar eccezzjoni cjoe' dik li permezz taghha l-konvenut eccepixxa li ghandu titolu ta' qbiela fuq sitt tumoli minn dan ir-raba' pari ghal sitt elef seba' mija u hamsa u tletin metri kwadri (6735m.k.) minn dan ir-raba' b'titolu validu skont il-ligi, filwaqt li l-bqija tat-territorju huwa detenut minn terzi; isegwi ghalhekk li din il-qorti hija nkompetenti rationae materiae li tiehu konjizzjoni ta' dina l-kawza;

Fl-ewwel lok gie ppruvat li l-atturi huma proprjetarji tar-raba' in kwistjoni. Din l-art ta' kejl komplessiv ta' aktar minn erbatax-il tomna originarjament kienet koncessa lil diversi gabilotti in subenfitewsi temporanja precizament lil Michele, Pubblio, Giuseppe u Giovanni ahwa Muscat u lil Domenico Portelli in solidum bejniethom liema cens ghalaq fl-1967. Wara dan iz-zmien ir-raba' baqa' jigi detenut bi qbiela mis-successuri taghhom fit-titolu.

Fis-27 ta' Marzu 1992 sar kuntratt rikonjitorju fl-atti tan-Nutar Schembri li permezz tieghu l-korrispettiv kien gie awmentat minn erbatax-il lira sterlina ghal ghoxrin lira Maltin.

Giuseppe Muscat kellu bhala iben li jahdem ir-raba’ inkwistjoni lil Francesco Muscat. Dan Francesco Muscat miet fis-7 ta’ Frar 1985. huwa kien guvni u miet bla tfal u bhala werriet tieghu halla lil Francesco Camilleri li jigi missier il-konvenut Peter Paul Camilleri.

Mill-atti jirrizulta li sal-1993 nonostante li Francesco Muscat kien diga’ miet baqghet tithallas il-qbiela u l-ircevuti hargu fuq isem Francesco Muscat xorta wahda[1].

Fl-atti giet esebita dikjarazzjoni ffirmata minn wahda mis-sidien tar-raba’ Maria Luisa Muscat Manduca u l-konvenut li permezz taghha omm l-attrici kienet iddikjarat li qeghdha tirrikonoxxi lill-konvenut fil-qbiela tal-art ossia tar-raba’ ‘Tas-Sibti’ tal-kejl ta’ sitt tumoli minflok Francesco Muscat li kien miet. M’hemmx kontestazzjoni mill-atti li Maria Luisa Muscat Manduca, omm l-attrici Miriam Cremona, kienet wahda mis-sidien tal-art, anzi’ kienet sid f’sehem magoritarju ta’ tliet ishma minn hames ishma. Skont id-dikjarazzjoni li tirrizulta mill-kuntratt tad-divizjoni tad-19 ta’ April 2006, fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, esibit mill-atturi permezz tan-Nota tas-7 ta’ Awwissu 2012, din mietet intestata fit-2 ta’ Jannar 1997, u wirtitha l-attrici u hutha Joseph u Marlene Farley Hills. L-attrici Miriam Cremona spjegat u kkonfermat li ommha kienet l-amministratur tal-beni tal-wirt tal-familja dei Conti Manduca u kellha r-responsabbilita’ li tigbor il-kirjiet u c-cnus tad-diversi proprjetajiet tal-familja dei Conti Manduca minghand diversi censwalisti u gabillotti.

Illi kif diga’ inghad l-attrici Miriam Cremona kkonfermat li l-firma fuq id-dokument ezebit bhala CT2 hija l-firma ta’ ommha. Min-naha taghha l-atturi ghamlu diversi allegazzjonijiet: li meta Maria Louisa Muscat Manduca ffirmat id-dokument dan kien vojt, li hija kienet mara anzjana hafna ta’ 90 sena, u li kellha problema ta’ vista u ma kinitx taf li Francesco Muscat kien mejjet u ma rrikonoxxitx li Francesco Camilleri

[1] Dok CF1 a fol 119 tal-process

ma kienx Francesco Muscat, li hija dejjem hadet pariri u qatt ma kienet se tiffirma dokument bhal dak meta r-raba' lanqas kienet kollha taghha u li ma kinitx taf x'qeghda tiffirma.

Kif qal sewwa l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu din il-qorti ma tistax tevalwa tali allegazzjonijiet u tidhol fil-kwistjoni tal-validita' o meno ta' dan id-dokument ghaliex mhux kompitu taghha tidhol fiha f'din il-kawza. D'altronde l-istess atturi ma pprocedewx biex jattakkaw l-istess dokument.

Sallum il-qorti ghandha quddiemha dokument li hu datat 20 ta' Ottubru 1993, u li kien gie accettat mill-ufficjal inkarigat tad-dipartiment tal-Biedja bhala dokument li l-konvenut kien gie rikonoxxut mis-sid bhala l-inkwilin il-gdid tar-raba' minflok Francesco Muscat li kien mejjet. L-ufficjal inkarigat dak iz-zmien, Joe Cini, li fuq id-dokument CT2 tidher il-firma tieghu, ikkonferma li l-firma fuq id-dokument kienet tieghu u li kien hu li kien laqa' ghandu w accetta d-dokument fid-data msemmija. Ikkonferma li hlief ghall-firem ta' Maria Luisa Muscat Manduca u ta' Peter Paul Camilleri u l-karta tal-identita' rispettivi taghhom il-kalligrafija fuq id-dokument hija kollha kemm hi tieghu. Kuntrarjament ghal dak sostnut mill-atturi, it-trasferiment tal-qbiela tar-raba' in kwistjoni gie registrat mad-dipartiment fis-sena 1993 u mhux fis-sena 1997 u dan jemergi car mit-timbru li hemm fuq l-istess dokument.

Illi huwa evidenti li l-konvenut mhux qieghed jibbaza t-titolu tieghu fuq il-grad ta' qrubija mal-mejjet Francesco Muscat izda fuq ir-rikonoxximent espress tas-sid li r-raba' kien gie mqabbel lilu wara li kien miet Francesco Muscat maghmula bl-iskrittura jew dikjarazzjoni. Ghalhekk ghalkemm ir-riassunt li sar mill-atturi tal-gurisprudenza rigward min ghandu dritt li jigi rikonoxxut ai termini tal-Kap 199 huwa wiehed fih innifsu korrett pero' ma jistax ikun ta' utilita' ghall-istess atturi stante li l-konvenut imkien ma sostna li huwa ghandu jzomm f'idejh ir-raba' inkwistjoni ghax hu 'kerrej' u 'membru tal-familja'.

Irrizulta wkoll li l-konvenut ma jiddetjenix l-art kollha kemm hi izda biss parti minnha u dan huwa ammess mill-istess atturi fil-premessi anki jekk imbaghad talbu li l-qorti tordnalu jizgumbra mit-territorju kollu.

Isegwi ghalhekk li t-tielet eccezzjoni timmerita li tigi akkolta u kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet din il-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet, tilqa' t-tielet eccezzjoni u kwindi tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez ad eccezzjoni tal-ewwel zewgt eccezzjoni tal-konvenuti a karigu ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------